# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Frar 2011**

**dwar it-tiġdid tal-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)**

(2011/158/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 ([3]) dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2),

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni 2005/833/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2005 li tinnomina l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([4]),

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti (KE) Nru 1073/1999 u (Euratom) Nru 1074/1999 jipprovdi li l-Kumitat ta' Sorveljanza "għandu jkun kompost minn ħames persuni indipendenti u esterni li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-ħatra fil-pajjiżi rispettivi tagħhom f'karigi ta' anzjanità li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma ta' attività tal-Uffiċċju" u li dawn il-persuni għandhom jinħatru bi qbil komuni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

(2) Skont l-Artikolu 11(3), il-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza għandu jkun ta' tliet snin u jista' jiġġedded darba. Il-mandat tal-membri attwali tal-Kumitat ta' Sorveljanza skada fit-30 ta' Novembru 2008. Huma baqgħu jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom sal-iskadenza tal-mandat tagħhom skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolamenti.

(3) Minħabba li l-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza m'għandux ikun iktar minn sitt snin, il-mandat tal-membri attwali, li baqgħu fil-kariga sal-iskadenza tal-ewwel terminu tagħhom, għandu jiġġedded sat-30 ta' Novembru 2011.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma l-membri tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sat-30 ta' Novembru 2011:

— Sur Peter STRÖMBERG;

— Sur Kálmán GYÖRGYI;

— Sinjura Rosalind WRIGHT;

— Sur Luis LÓPEZ SANZ-ARÁNGUEZ;

— Sinjura Diemut R. THEATO.

*Artikolu 2*

Il-persuni kkonċernati għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni dwar din id-deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-1 ta' Diċembru 2008.

([1]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20.
([2]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8.
([4]) ĠU L 312, 29.11.2005, p. 49.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2011.

| | | |
|---|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
| *Il-President* | *Il-President* | Algirdas ŠEMETA |
| J. BUZEK | MARTONYI J. | *Membru tal-Kummissjoni* |